**IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI:**

**"IL-FINANZI SOSTENIBBLI: ĦTIEĠA TA' AZZJONI TAL-UE AKTAR KONSISTENTI BIEX IL-FINANZI JIĠU DIRETTI MILL-ĠDID LEJN INVESTIMENT SOSTENIBBLI"**

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. Tweġibiet mill-Kummissjoni u mill-Bank Ewropew tal-Investiment dwar is-Sommarju eżekuttiv (il-paragrafu I-IX):

Il-finanzi sostenibbli għandhom rwol ewlieni fl-ilħuq tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll tal-impenji internazzjonali tal-UE dwar il-klima u s-sostenibbiltà. Jagħmlu dan billi jiggwidaw l-investiment privat fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, reżiljenti għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli, bħala komplement għall-finanzjament pubbliku.
Il-Kummissjoni ffukat l-isforzi tagħha fuq il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-finanzi sostenibbli, li sar saħansitra aktar essenzjali, minħabba l-ħtieġa ta' rkupru sostenibbli mill-kriżi tal-COVID-19.
L-Istrateġija għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, ippubblikata fis-6 ta' Lulju 2021, tidentifika oqsma għal azzjoni ulterjuri biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tas-sistema finanzjarja lejn is-sostenibbiltà. L-inizjattivi tal-Istrateġija jenfasizzaw it-tmexxija globali tal-UE fl-istabbiliment ta' standards internazzjonali għall-finanzi sostenibbli. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mas-sħab internazzjonali kollha, anki permezz tal-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli, biex tikkoopera fil-bini ta' sistema internazzjonali robusta ta' finanzi sostenibbli.
L-istrateġija hija akkumpanjata minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jinforma dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-miżuri fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2018. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-2018 kien jinkludi għaxar azzjonijiet ewlenin li jistgħu jinqasmu fi tliet kategoriji: l-aġġustament tal-flussi ta' kapital lejn ekonomija aktar sostenibbli, l-integrazzjoni tas-sostenibbiltà fil-ġestjoni tar-riskju, u t-trawwim tat-trasparenza u tad-durabbiltà.
Barra minn hekk, sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mill-anqas 55 % sal-2030 u tinkiseb Ewropa newtrali għall-klima sal-2050, il-Kummissjoni pproponiet pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" (Lulju 2021) li jkopri oqsma ta' politika b'firxa wiesgħa.
Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet tal-2018 tlestew. Dawn irriżultaw fl-adozzjoni tar-Regolament dwar id-Divulgazzjoni tal-Finanzi Sostenibbli (SFDR), tar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE, ta' Att Delegat dwar il-Klima fit-Tassonomija tal-UE (Ġunju 2021) u tal-att delegat li jipprovdi rekwiżiti ta' rapportar dwar l-attivitajiet ekonomiċi ta' kumpaniji finanzjarji u mhux finanzjarji (Lulju 2021). Id-divulgazzjoni obbligatorja fl-att delegat imsemmi dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar għandha tipprovdi informazzjoni uniformi u trasparenti dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-kumpaniji u tal-assi li jiffinanzjaw. Din se tgħin lill-investituri u lill-pubbliku jifhmu t-trajettorja tal-kumpaniji lejn is-sostenibbiltà ambjentali u jieħdu deċiżjonijiet infurmati. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni tal-2018 se jwassal għall-adozzjoni tal-att delegat dwar it-tassonomija dwar l-erba' objettivi ambjentali li jifdal.
F'April 2021, il-Kummissjoni adottat proposta dwar id-Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD, Corporate Sustainability Reporting Directive). Soġġetta għall-adozzjoni mill-Kunsill u mill-Parlament, id-Direttiva se testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar għall-kumpaniji l-kbar kollha u għall-kumpaniji kollha elenkati fi swieq irregolati (minbarra l-mikrointrapriżi elenkati); se tirrikjedi l-awditjar (assigurazzjoni) tal-informazzjoni rapportata; se tintroduċi rekwiżiti ta' rapportar aktar dettaljati, u rekwiżit ta' rapportar skont l-istandards obbligatorji tal-UE ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà; se tirrikjedi li l-kumpaniji "jitteggjaw" b'mod diġitali l-informazzjoni rapportata, biex tkun tista' tinqara b'mod awtomatiku u tikkontribwixxi għall-punt ta' aċċess uniku Ewropew previst fil-pjan ta' azzjoni għall-bini ta' unjoni tas-swieq kapitali.
Il-Kummissjoni integrat, kull fejn possibbli, aspetti tar-Regolament dwar it-Tassonomija fil-baġit tal-UE. Il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" huwa applikat fil-biċċa l-kbira fil-baġit kollu tal-UE

permezz ta' għadd ta' għodod u dispożizzjonijiet regolatorji. Dan ġie traspost fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li hija l-akbar programm fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ta' bejn l-2021 u l-2027. Dan jeħtieġ li jitqies fl-implimentazzjoni tal-programmi kollha koperti mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni. Kriterji ġeneralment ekwivalenti, bħall-verifika tas-sostenibbiltà, il-verifika tar-reżistenza klimatika u l-listi ta' esklużjoni huma previsti fl-atti legali li jirfdu lil programmi oħra ta' nfiq biex jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE ma jwassalx għal ħsara ambjentali. Fil-każ tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) futura, l-aderenza mal-kundizzjonalità soċjali u msaħħa se tiżgura l-implimentazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" b'mod xieraq.

Il-koeffiċjenti tal-UE għall-klima, li jintużaw biex titkejjel in-nefqa fuq il-klima fil-QFP ta' bejn l-2021 u l-2027 u fin-Next Generation EU, huma allinjati sal-massimu possibbli mal-kriterji tal-iskrinjar tekniku fl-ewwel att delegat tat-Tassonomija tal-UE. Il-koeffiċjenti tal-UE għall-klima u l-metodoloġija tat-trekkjar klimatiku għall-baġit tal-UE jirrikonoxxu wkoll l-isforzi u l-investimenti li ma humiex koperti mit-Tassonomija jew li ma humiex kompletament konformi magħha jekk minkejja dan jipproduċu effett klimatiku ta' benefiċċju jew huma rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika.

<u>DAĦLA</u>

03. Il-Kummissjoni taqbel li hija ta' sfida li jiġi organizzat il-finanzjament ta' tranżizzjoni soċjalment ġusta u ambjentalment sostenibbli lejn ekonomija newtrali għall-klima u reżiljenti. Għalhekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa kruċjali biex jintlaħaq dan l-objettiv, inkluż permezz tal-pjan ta' azzjoni għal ekonomija ċirkolari u l-istrateġija għall-bijodiversità.

04. Fir-rigward tal-istima ta' bejn l-2021 u l-2050 (triljun fis-sena), il-Kummissjoni tinnota li r-rapport ikkwotat jirreferi għal EUR 28 triljun matul it-30 sena li jmiss, li madwar 80 % minnhom (23 triljun b'kollox jew 0,8 triljun fis-sena) jiġu mir-ridirezzjonar tal-investimenti li kieku kienu jiffinanzjaw teknoloġiji b'użu intensiv ta' karbonju, u l-UE jkollha talloka EUR 5,4 triljun addizzjonali, jiġifieri distakk medju ta' EUR 180 biljun fis-sena, għal teknoloġiji u tekniki nodfa, b'tal-aħħar jikkoinċidu mal-istimi tal-Kummissjoni tal-2018.

05. - **Is-swieq ma jirriflettux il-kost soċjali u ambjentali kollu tal-attivitajiet ekonomiċi**

Il-Kummissjoni taqbel li l-ipprezzar kurrenti fis-swieq finanzjarji ma jintegrax l-esternalitajiet ambjentali. Filwaqt li tieħu azzjoni ambizzjuża fil-politika dwar it-tibdil fil-klima, il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li l-istrutturi tas-suq finanzjarju għandhom ukoll rwol importanti fit-tranżizzjoni, u li bħalissa ma humiex adatti biex jinkorporaw kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni stabbiliet approċċ fi stadji, li fih iffukat fuq ir-riskji klimatiċi u ambjentali, li jenħtieġ li jiġi segwit minn azzjonijiet oħra li jistgħu jinkludu wkoll aspetti soċjali.

**- Nuqqas ta' trasparenza u divulgazzjoni suffiċjenti dwar attivitajiet sostenibbli**

Ir-rekwiżiti ta' trasparenza u divulgazzjoni huma indirizzati fir-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE, u qed jiġu appoġġati ulterjorment mill-Atti Delegati, kif stabbilit mit-Tassonomija tal-UE.

L-adozzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (li tibni fuq id-Direttiva preċedenti dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju) u miżuri oħrajn applikati dejjem aktar fl-ekonomija kollha (anke b'impatt fl-aġġornament tal-kontijiet statistiċi ambjentali) se jaħdmu wkoll kontra l-greenwashing, billi jipprovdu referenza robusta sa liema punt l-attivitajiet ekonomiċi huma ekoloġiċi.

**- Xi investimenti sostenibbli jiffaċċjaw riskji u kostijiet ta' finanzjament potenzjalment ogħla**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-istimi tal-ħtiġijiet ta' investiment sostenibbli jistgħu jinbidlu maż-żmien, u li l-appoġġ pubbliku fil-finanzjament u fl-iskattar huwa essenzjali. Għalhekk, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri b'ħafna modi, permezz tal-Baġit tal-UE u tal-istrument Ewropew għall-irkupru (Next Generation EU), permezz ta' proġetti ta' appoġġ tekniku dedikati (pereżempju dawk dwar l-ibbaġitjar ekoloġiku u t-tassazzjoni ekoloġika) u għodod oħra.

06. Abbażi ta' diskussjonijiet komprensivi mal-Istati Membri u ma' korpi Ewropej differenti kif ukoll ta' inputs minn konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli f'Lulju 2021. L-Istrateġija ssegwi l-azzjonijiet fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2018 u se tiżviluppa ulterjorment il-qasam tal-finanzi sostenibbli. L-Istrateġija tipprovdi pjan direzzjonali trażversali b'azzjonijiet ġodda biex l-investiment privat jiġi ridirett lejn proġetti u attivitajiet sostenibbli biex jiġu appoġġati l-azzjonijiet differenti stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li għal tranżizzjoni ordnata, hija meħtieġa trasparenza sħiħa dwar l-iskopertura tar-riskji klimatiċi, inklużi assi mhux rekuperabbli possibbli, u l-implikazzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja ta' dawn. Din l-Istrateġija hija parti importanti oħra għall-qafas futur tal-finanzi sostenibbli.

09. Il-mira tan-nefqa fuq il-klima ta' 30 % tapplika għall-baġit tal-UE flimkien man-Next Generation EU, li tirriżulta f'nefqa fuq il-klima ta' EUR 625 biljun għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, bil-mira settorjali tagħha ta' 37 %, taqa' taħt dan.

Minbarra l-allokazzjonijiet klimatiċi fil-baġit tal-UE, se jiġu ddedikati aktar riżorsi għal kwistjonijiet ambjentali, bħas-7,5 % annwali tal-baġit tal-UE fl-2024 u l-10 % fl-2026 u fl-2027 li jappoġġaw il-bijodiversità, kif ukoll il-kofinanzjament nazzjonali, u l-investiment privat ingranat biex jipprovdi r-raggruppament finanzjarju meħtieġ għall-investimenti ta' sostenibbiltà.

Lil hinn minn dan, it-titjib tal-istimi dwar u b'appoġġ għal Azzjoni ta' Tniġġis Żero u dwar l-azzjonijiet għal Ekonomija Ċirkolari (fl-Patt Ekoloġiku) se jipprovdi aktar opportunitajiet ta' finanzjament biex jiġu indirizzati l-objettivi ambjentali. F'ħafna każijiet, l-investimenti jiġġeneraw ukoll sinerġiji f'bosta objettivi ambjentali, eż. billi jikkontribwixxu għall-klima u għall-bijodiversità b'mod simultanju.

OSSERVAZZJONIJIET

22. Il-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli stabbilita mit-Tassonomija tal-UE, li bdiet formalment il-ħidma tagħha fil-ħarifa tal-2020, għandha l-kompitu li tirrapporta dwar l-erba' objettivi ambjentali li jifdal stabbiliti mit-Tassonomija tal-UE u dwar estensjoni possibbli tat-Tassonomija tal-UE għall-objettivi soċjali, kif ukoll dwar l-iżvilupp tat-tassonomija fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi li ma għandhomx impatt sinifikanti fuq is-sostenibbiltà ambjentali, u l-attivitajiet ekonomiċi li jagħmlu ħsara sinifikanti lis-sostenibbiltà ambjentali.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qed taħdem fuq regoli prudenzjali li se jintegraw ir-riskji klimatiċi.

23. *Tweġiba komuni għall-paragrafi 23-24:*

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (ETS) u miżuri oħrajn jeħtieġ li jiġu żviluppati ulterjorment. Fir-riforma tal-EU ETS li għaddejja bħalissa, il-Kummissjoni tikkunsidra li testendi l-EU ETS għat-trasport u l-bini, u li tikkomplementaha b'mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM, carbon-border adjustment mechanism), u b'riformi tat-taxxa ambjentali (ETR, environmental tax reforms) ta' sostenn. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tissottolinja li regolamenti speċifiċi oħrajn għas-settur jintegraw ulterjorment il-kunsiderazzjonijiet klimatiċi. Il-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %" ikompli jsaħħaħ is-sinjal ekonomiku.

26. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li t-tneħħija gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent hija għodda importanti biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali tagħha. Il-Kummissjoni qed taħdem b'mod attiv fuqha permezz ta' appoġġ għall-aħjar prattiki u permezz tal-bini tal-involviment fost l-Istati Membri (eż. permezz ta' proġetti ta' strumenti ta' appoġġ tekniku, baġits ekoloġiċi u riforma tat-tassazzjoni).

27. *Tweġiba komuni għall-paragrafi 27-28:*

Rendikont tal-progress dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-2018 huwa pprovdut fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-Istrateġija għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli li l-Kummissjoni adottat f'Lulju 2021. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tbati minn xi dewmien. Madankollu, ta' min jinnota li l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni ta' attivitajiet ekoloġiċi (inklużi l-miżuri tal-enerġija) huwa eżerċizzju kumpless li rrikjeda involviment estensiv mal-esperti, mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri tal-UE b'mod partikolari.

29. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li r-riżultati tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni jistgħu jiġu mmonitorjati aħjar. Madankollu, it-trasformazzjoni tas-sistema finanzjarja, inkluż l-użu dejjem akbar tar-regoli tat-Tassonomija, l-inkorporazzjoni ta' riskji ambjentali fit-tul u r-rapportar imtejjeb dwar is-sostenibbiltà se jidhru wkoll fil-prattika tal-finanzjament, permezz ta' rapportar imtejjeb dwar is-sostenibbiltà u l-ambjent u prattika tal-verifika, b'effetti li jistgħu jiġu osservati fuq il-finanzi sostenibbli.

32. It-Tassonomija tal-UE tirrikjedi li titkejjel l-ekoloġizzazzjoni tal-investimenti skont ir-regoli tal-UE, billi ttejjeb it-trasparenza u jiġi mrawwem teħid ta' deċiżjonijiet responsabbli.

Il-kumpaniji finanzjarji u mhux finanzjarji se jiddivulgaw informazzjoni abbażi tal-kriterji tal-iskrinjar tekniku stabbiliti mit-Tassonomija tal-UE.

35. *Tweġiba komuni għall-paragrafi 35-36:*

Proposti leġiżlattivi komplementari se jkomplu jiċċaraw is-sostenibbiltà ta' ċerti attivitajiet fir-regolament dwar it-tassonomija, inkluż l-agrikoltura, l-enerġija nukleari u l-gass naturali.

Barra minn hekk, biex jiġu pprovduti kriterji rilevanti għas-suq, is-setturi msemmija (il-produzzjoni tal-elettriku mill-gass u mill-enerġija nukleari) se jkunu soġġetti għal analiżi ulterjuri.

42. Il-qafas tal-Ekotikketta tal-UE huwa skema volontarja vverifikata minn parti terza stabbilita fl-1992 (ir-Regolament (KE) Nru 66/2010).

L-iżvilupp tal-kriterji sabiex il-prodotti finanzjarji jingħataw l-Ekotikketta tal-UE u r-rekwiżiti għall-verifika huma stabbiliti fir-Regolament dwar l-Ekotikketta tal-UE (KE) Nru 66/2010.

Skont ir-Regolament dwar l-Ekotikketta tal-UE, kull Stat Membru se jaħtar Korp Kompetenti (li jista' jkun entità privata jew pubblika) inkarigat mill-verifika li l-prodotti finanzjarji li japplikaw għall-Ekotikketta tal-UE jikkonformaw mal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE, qabel ma jingħataw l-Ekotikketta tal-UE. Il-Kummissjoni se tabbozza manwal għall-utenti għall-korpi kompetenti bi struzzjonijiet u gwida dwar kif għandha tiġi vverifikata l-konformità mal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE.

Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jaħtru l-korpi kompetenti, iżda l-Anness V tar-Regolament dwar l-Ekotikketta tal-UE jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għalihom. Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament dwar l-Ekotikketta tal-UE, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp ta' ħidma ta' korpi kompetenti ("Forum CB") bil-għan li trawwem implimentazzjoni konsistenti tar-Regolament dwar l-Ekotikketta tal-UE fost il-korpi kompetenti. Barra minn hekk, il-prodotti tal-Ekotikketta tal-UE jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. F'termini tal-verifika tal-konformità tal-investimenti sottostanti mal-kriterji tat-Tassonomija tal-UE, din l-informazzjoni se tiġi ddivulgata f'konformità mas-CSRD u se tiġi rieżaminata mill-awdituri. Il-korpi kompetenti inkarigati mill-verifika tal-konformità tal-investimenti sottostanti ta' prodotti finanzjarji li japplikaw għall-Ekotikketta tal-UE, mat-Tassonomija tal-UE, se jibbażaw fuq din l-informazzjoni kif rieżaminata mill-awdituri.

47. Il-frekwenza regolari u l-firxa tal-kontrolli li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma stabbiliti fir-regoli settorjali rilevanti msemmija fl-SFDR. Fil-fatt, l-SFDR iżid rekwiżiti ta' divulgazzjoni tas-sostenibbiltà mad-divulgazzjoni/mal-informazzjoni diġà eżistenti dwar il-prodott meħtieġa f'dawn ir-regoli settorjali.

Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet (li se jiġu ppubblikati fis-sajf tal-2021) u l-istandards tekniċi regolatorji li se jiġu adottati sa tmiem l-2021 se jipprovdu gwida ulterjuri bl-għan li tiġi armonizzata u ċċarata s-superviżjoni tal-applikazzjoni tal-SFDR.

65. Is-sistema ta' trekkjar klimatiku u l-kriterji għall-programm InvestEU kellhom jitfasslu u jiġu adottati qabel l-adozzjoni finali tal-atti delegati tat-Tassonomija tal-UE.

F'konformità mar-Regolament dwar InvestEU, it-trekkjar klimatiku u ambjentali għall-fondi tal-InvestEU għandu jsir permezz tal-metodoloġija tat-trekkjar tal-Unjoni, li hija infurmata mill-kriterji tat-Tassonomija tal-UE.

Il-gwida dwar it-trekkjar klimatiku u ambjentali tal-InvestEU tipprevedi indikazzjoni *ex ante* tal-kontribut mistenni għall-objettivi klimatiċi u ambjentali fil-fażi tal-approvazzjoni. Din tipprevedi wkoll rapportar *ex post* għal kull operazzjoni ta' finanzjament jew ta' investiment appoġġata. Is-sħab ta' implimentazzjoni għandhom jindikaw id-diverġenzi tar-riżultati mill-aspettattivi inizjali fir-rapportar *ex post* tagħhom.

Ta' min jinnota li l-gwida dwar it-trekkjar klimatiku u ambjentali ta' InvestEU tipprevedi l-possibbiltà li s-sħab ta' implimentazzjoni jittrekkjaw l-operazzjonijiet klimatiċi u ambjentali bl-użu tal-kriterji tat-Tassonomija tal-UE (meta jiġu adottati). Għalhekk huwa possibbli wkoll li s-sħab ta' implimentazzjoni b'anqas esperjenza inizjalment jużaw sistema ta' trekkjar tal-Unjoni aktar sempliċi u li jagħmlu t-tranżizzjoni sħiħa lejn it-Tassonomija tal-UE meta jkunu lesti.

66. Il-Kummissjoni tfakkar li l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) huwa xprunat mid-domanda u jista' jappoġġa proġett finanzjarjament vijabbli bi profili tar-riskju ogħla. Ħafna proġetti ta' adattament għat-tibdil fil-klima ma humiex ekonomikament vijabbli, spiss isiru mill-awtoritajiet pubbliċi u għalhekk mhux dejjem ikunu adatti għal appoġġ ripagabbli. Għalhekk, l-osservazzjoni li l-biċċa l-kbira tal-proġetti sostenibbli huma relatati mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima hija f'konformità ma' dak li jista' jkun mistenni għal strument li jiffoka fuq proġetti finanzjarjament vijabbli u ta' riskju ogħla li għandhom l-għan li jimmobilizzaw il-finanzjament privat.

71. Kif innotat mir-Rapport Speċjali tal-QEA dwar iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH, European Investment Advisory Hub), l-EIAH jenħtieġ li jkun **addizzjonali** fir-rigward ta' programmi oħra tal-UE, inkluż JASPERS, li għandu l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant bħala ż-żona ġeografika ewlenija tal-operat tiegħu, kif ukoll li jkopri s-setturi indikati għall-għoti ta' appoġġ ta' assistenza teknika għat-tħejjija u għall-iżvilupp ta' proġetti li jridu jiġu ffinanzjati permezz ta' għotjiet mill-Fondi SIE. L-EIAH huwa **inizjattiva xprunata mid-domanda** maħluqa bl-objettiv li ttejjeb il-kwalità tal-proġetti ta' investiment billi toffri appoġġ konsultattiv imfassal apposta lill-promoturi tal-proġetti Ewropej. Id-definizzjoni tal-prijoritajiet għas-servizzi għal setturi differenti u għall-Istati Membri għall-EIAH tmur kontra l-essenza xprunata mid-domanda tal-Inizjattiva FEIS.

L-EIAH żviluppa pjattaforma ta' kooperazzjoni robusta mal-banek u mal-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali, b'finanzjament dirett u b'appoġġ minn esperti għal għadd minnhom fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u bil-għan li jibni l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi ta' konsulenza aktar lokali anki għall-infrastruttura sostenibbli. L-istruttura taċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU tinsab f'pożizzjoni tajba biex tibni fuq il-pedament ipprovdut mill-EIAH, u tindirizza ċertu tħassib li tqajjem mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-finanzi sostenibbli fir-rigward tal-ġenerazzjoni ta' proġetti ta' investiment sostenibbli.

72. Il-missjoni u l-valur miżjud tal-portal huma li tiġi ppubbliċizzata u tiżdied il-viżibbiltà tal-opportunitajiet potenzjali ta' investiment għall-promoturi tal-proġetti li jixtiequ jużaw il-portal. Il-Kummissjoni ma għandhiex il-mandat li twettaq diliġenza dovuta teknika u finanzjarja ta' proposti ta' proġetti ppubblikati u ta' investituri diretti għal proġetti speċifiċi. Il-Kummissjoni lanqas ma għandha r-riżorsi jew il-kompetenzi biex twettaq id-diliġenza dovuta tal-proġetti. Din hija responsabbiltà u kompetenza tal-investituri potenzjali.

Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 26(3) tar-Regolament dwar InvestEU, il-Kummissjoni se tibgħat proġetti ppubblikati fuq il-Portal tal-InvestEU lis-sħab ta' implimentazzjoni rilevanti u fejn xieraq liċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU.

73. Il-Kummissjoni taqbel li xi wħud mill-pjanijiet ma għandhomx kwantifikazzjonijiet dettaljati tal-ħtiġijiet ta' investiment, u dan jikkomplika wkoll il-komparabbiltà fost l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tkompli tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri, u fl-Istrument ta' Appoġġ Tekniku nediet inizjattiva ewlenija ġdida bit-titolu "L-ekoloġizzazzjoni tal-finanzi pubbliċi - evalwazzjoni tal-impatti tal-politiki baġitarji u fiskali fuq it-twettiq ta' impenji nazzjonali u internazzjonali", li b'mod partikolari għandha l-għan li tgħin biex jinbnew il-kapaċitajiet tal-Istati Membri biex jikkwantifikaw il-ħtiġijiet ta' investiment, biex jidentifikaw lakuni u biex jiżviluppaw politika biex dawn jingħelbu.

76. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility), l-akbar programm fin-Next Generation EU, tirrikjedi valutazzjoni ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH, "do no significant harm") ibbażata fuq l-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija, filwaqt li l-applikazzjoni tal-kriterji dettaljati tad-DNSH kif adottati fl-atti delegati hija fakultattiva. B'mod simili għall-RRF, kriterji ġeneralment ekwivalenti (eż. verifika tas-sostenibbiltà, verifika tar-reżistenza għall-klima, lista ta' esklużjoni) huma previsti fl-atti legali li jirfdu programmi oħra ta' nfiq biex jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE ma jwassalx għal ħsarat ambjentali. Barra minn hekk, il-ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni li jakkumpanja l-QFP ta' bejn l-2021 u l-2027 jipprevedi prinċipju orizzontali ta' "la tagħmilx ħsara" li japplika għall-QFP kollu ta' bejn l-2021 u l-2027.

Formulazzjoni ta' universalità tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara" fl-oqsma ta' politika differenti tal-baġit tal-UE ma hijiex possibbli, meta jitqiesu ċ-ċikli ta' implimentazzjoni, il-modi ta' ġestjoni u l-attivitajiet differenti ffinanzjati.

Il-Kummissjoni tqis li l-PAK futura se tiżgura l-implimentazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" permezz ta' kundizzjonalità soċjali u msaħħa.

77. Il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ġie inkorporat fl-RRF u jrid jitqies fl-implimentazzjoni tal-Fondi kollha soġġetti għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK).

Kif spjegat fit-tweġiba għall-paragrafu 75, iċ-ċikli ta' implimentazzjoni, il-modi ta' ġestjoni u l-attivitajiet differenti ffinanzjati mill-UE ma humiex konsistenti ma' approċċ ta' universalità biex jiġi ddeterminat jekk hijiex qiegħda ssir ħsara sinifikanti lill-ambjent.

78. Fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni, l-investiment fl-infrastrutturi tal-gass ma huwiex permess, bl-eċċezzjonijiet tas-sostituzzjoni ta' sistemi ta' tisħin u bojlers li jaħdmu bil-fjuwil solidu f'kundizzjonijiet speċifiċi u ta' infrastrutturi oħra fejn dan jappoġġa t-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli u jista' jintuża għal sorsi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, kif stipulat f'7(1)(h) tal-FEŻR u tar-Regolament dwar il-Fond ta' Koeżjoni. Tali investimenti limitati relatati mal-gass naturali jenħtieġ li jkunu ġġustifikati sew u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.

Il-Kummissjoni tfakkar li fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-miżuri relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana bl-użu ta' fjuwils fossili, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bħala regola ġenerali jenħtieġ li ma jitqisux konformi fl-ambitu tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".
Minn perspettiva ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, miżuri eċċezzjonali relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana bl-użu tal-gass naturali, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, jistgħu jsiru fuq bażi ta' każ b'każ (skont l-Anness III tal-gwida tad-DNSH), u diment li dan l-appoġġ jikkontribwixxi għall-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE għall-2030 u

għall-2050. L-ebda investiment fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana bil-faħam jew biż-żejt ma hu se jgħaddi mill-valutazzjoni tad-DNSH.

79. Il-Kummissjoni tinnota li l-metodoloġija tat-trekkjar klimatiku li tirfed il-QFP ta' bejn l-2021 u l-2027 indirizzat diversi nuqqasijiet tal-metodoloġija li tirfed il-QFP ta' bejn l-2014 u l-2020, u li ġew identifikati mir-rapporti preċedenti tal-QEA.

Il-metodoloġija tat-trekkjar klimatiku ta' bejn l-2021 u l-2027, kif stabbilita pereżempju fir-Regolament RRF, tibni fuq il-metodoloġija tar-RDK ta' bejn l-2014 u l-2020 iżda ġiet modifikata biex tqis l-aspetti tal-kriterji tat-Tassonomija tal-UE u tipprovdi l-bażi għat-trekkjar klimatiku madwar il-baġit.

Il-metodoloġija tat-trekkjar klimatiku ta' bejn l-2021 u l-2027 tippermetti r-rikonoxximent kemm tal-kontribut klimatiku ewlieni b'koeffiċjent għall-klima ta' 100 % abbażi ta' kriterji li huma ispirati mit-tassonomija tal-UE kif ukoll ta' kontributi klimatiċi aktar limitati (b'koeffiċjent ta' 40 %), kif ukoll il-valutazzjoni b'mod aktar granulari tal-kontribut għall-objettivi klimatiċi ta' azzjonijiet differenti u l-ħeffa tal-implimentazzjoni, pereżempju fir-rigward ta' azzjonijiet differenti tal-effiċjenza enerġetika.

80. Il-Kummissjoni tfakkar li l-metodoloġija tat-trekkjar klimatiku issaħħet b'mod sinifikanti fit-tħejjija għall-QFP ta' bejn l-2021 u l-2027. B'mod partikolari, l-attribuzzjoni tal-piż ta' 100 % issa hija ggwidata minn kriterji sostanzjalment aktar stretti, li huma infurmati sa fejn possibbli mill-kriterji tekniċi tat-Tassonomija tal-UE u li jiżnu mhux biss l-intenzjoni iżda wkoll l-effetti tad-diversi attivitajiet.

Il-koeffiċjent tal-UE għall-klima ta' 40 % huwa attribwit għal attivitajiet li, filwaqt li ma jissodisfawx il-kriterji tekniċi integrati tat-tassonomija tal-UE, madankollu jikkontribwixxu għall-objettivi ambjentali u klimatiċi. Tali attivitajiet ekonomiċi jistgħu, pereżempju, ikunu fuq perkors ta' tranżizzjoni biex jintlaħaq il-livell ta' kontribut sinifikanti.

Għall-bonds ekoloġiċi li l-Kummissjoni se toħroġ biex tiffinanzja l-parti klimatika tal-RRF, il-Kummissjoni se tressaq qafas ta' bonds ekoloġiċi, li se jkun allinjat mal-Istandard propost tal-Bonds Ekoloġiċi kemm jista' jkun possibbli. Il-qafas tal-bonds ekoloġiċi tal-UE se jkun ibbażat fuq standards tas-suq magħrufa u stabbiliti sew filwaqt li jissodisfa l-istruttura speċifika tal-RRF li fiha, fost l-oħrajn, l-awtoritajiet responsabbli għall-infiq huma separati mill-istituzzjoni emittenti. Dan se jipprovdi l-garanziji meħtieġa lill-investituri li r-rikavati verament ikunu ntużaw għall-investimenti ekoloġiċi.

F'konformità ma' dan l-approċċ tal-aqwa fil-klassi, il-Kummissjoni se tfittex verifika tal-qafas tagħha ta' bonds ekoloġiċi minn parti indipendenti.

**Kaxxa 5 -** Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni lejn id-differenza fundamentali bejn il-kriterji tat-Tassonomija tal-UE li bħalissa jiffukaw biss fuq attivitajiet lil hinn mill-kriterji ta' kontribut sostanzjali u politiki oħrajn tal-UE, bħall-PAK, li tkopri spettru ta' eliġibbiltà usa' għall-appoġġ finanzjarju b'livell mhux neċessarjament aktar baxx ta' ambizzjoni mit-Tassonomija. Għalhekk, din id-diversità hija riflessa fit-trekkjar klimatiku tan-nefqa.

81. Il-Kummissjoni tfakkar li l-baġit tal-UE diġà integra kull fejn possibbli l-aspetti tat-Tassonomija fil-koeffiċjenti tal-UE għall-klima, li jintużaw biex titkejjel in-nefqa fuq il-klima fil-QFP ta' bejn l-2021 u l-2027 u fin-Next Generation EU. Barra minn hekk, il-koeffiċjenti tal-UE għall-klima u l-metodoloġija klimatika b'mod ġenerali għall-baġit tal-UE jridu jirrikonoxxu wkoll l-isforzi u l-investimenti li ma humiex koperti jew li ma humiex kompletament f'konformità mat-Tassonomija peress li dawn jistgħu madankollu jipproduċu wkoll effett klimatiku ta' benefiċċju jew ikunu rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Fir-rigward tar-riskju ta' ħsara potenzjali mill-infiq tal-UE, il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafu 75.

Il-Kummissjoni tqis li r-regoli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE li tkopri l-programmi ta' finanzjament huma xierqa biex jindirizzaw l-objettivi tal-politika, u tissottolinja li r-rwoli tal-finanzi pubbliċi u privati jvarjaw. Il-Kummissjoni ttenni li l-użu tat-Tassonomija għad-deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-UE, jew f'biċċiet oħrajn tal-politika tal-UE, jenħtieġ li jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ u se jiġi diskuss mal-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-UE f'konformità mal-proċeduri leġiżlattivi rilevanti.

<u>KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET</u>

82. Il-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli bħalissa qed taħdem fuq il-parir tagħha lill-Kummissjoni dwar l-estensjoni possibbli tat-Tassonomija tal-UE għal attivitajiet soċjali, fost l-oħrajn. Madankollu, it-trasformazzjoni tal-mekkaniżmi tal-ipprezzar fl-ekonomija, biex jiġu riflessi l-kostijiet reali tat-tniġġis ambjentali u ta' degradazzjoni ambjentali oħrajn hija proċess, li l-Kummissjoni qed taħdem b'mod kostanti fuqu.

**Rakkomandazzjoni** 1 **– It-tlestija tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni u l-kjarifika tal-arranġamenti tal-konformità u tal-awditjar**

a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 1 a).

Ir-Regolament dwar it-Tassonomija ġie adottat u daħal fis-seħħ. L-Att Delegat dwar il-Klima tat-Tassonomija tal-UE (adottat f'Ġunju 2021) u l-att delegat li jmiss dwar it-tassonomija tal-erba' objettivi ambjentali li jifdal se jikkompletaw il-Pjan ta' Azzjoni.

Il-Kummissjoni qed issegwi l-ħidma analitika u konsultattiva mwettqa fil-Pjan ta' Azzjoni fil-qasam tal-governanza korporattiva f'konformità mal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2021, li jipprevedi proposta leġiżlattiva dwar il-governanza korporattiva sostenibbli biex titrawwem imġiba korporattiva sostenibbli u responsabbli fit-tul. L-għan huwa li tiġi ppreżentata proposta sa tmiem l-2021.

b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 1 b).

c) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 1 c).

*Tweġiba komuni tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet 1 b u 1 c:*

L-Artikolu 8 tar-Regolament dwar it-Tassonomija jirrikjedi li l-impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji jiddivulgaw dwar kif u sa liema punt l-attivitajiet tagħhom huma allinjati mar-Regolament dwar it-Tassonomija.

Dan l-obbligu ta' divulgazzjoni jaqa' taħt id-dritt tal-kumpaniji (id-Direttiva dwar il-Kontabilità kif emendata mid-Direttiva dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju).

Bħalissa, il-Kummissjoni pproponiet is-CSDR, li jemenda d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju (soġġett għall-adozzjoni mill-koleġiżlaturi mistennija sa nofs l-2022), u se tirrikjedi li l-awdituri jivverifikaw u jesprimu opinjoni dwar il-konformità tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà mar-rekwiżiti (inkluż ir-rapportar tat-tassonomija fl-Artikolu 8 tar-Regolament dwar it-Tassonomija). Se jiġu żviluppati standards ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà għall-kumpaniji kollha li se jaqgħu fl-ambitu tal-obbligi futuri tas-CSRD, jiġifieri kumpaniji kbar (elenkati u mhux elenkati), u se jiġu żviluppati standards ta' rapportar tal-SMEs għall-SMEs elenkati.

Fir-rigward tal-prodotti finanzjarji, l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar it-Tassonomija (l-att delegat tiegħu) u l-istandards tekniċi regolatorji fl-SFDR (li għandhom jiġu adottati sa tmiem l-2021) jirrikjedu d-divulgazzjoni tal-allinjament tal-investimenti sottostanti mar-Regolament dwar it-Tassonomija.

Fil-kuntest tal-SFDR, l-Istati Membri jenħtieġ li jibbażaw fuq l-awtoritajiet kompetenti diġà maħtura fir-regoli settorjali msemmija fl-SFDR għas-superviżjoni u għall-monitoraġġ ta' tali divulgazzjonijiet (jiġifieri l-awtoritajiet tas-swieq finanzjarji tal-Istati Membri). Dawn l-awtoritajiet se jibbażaw fuq l-informazzjoni li se tkun iddivulgata minn impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji kif spjegat hawn fuq.

**Rakkomandazzjoni 2 – Kontribut aħjar għall-finanzi sostenibbli bl-ipprezzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra**

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Kif rikonoxxut f'dan ir-rapport, il-politika tal-UE dwar il-klima tuża firxa ta' għodod biex jintlaħqu l-objettivi tagħna. Il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ikompli jżid l-ambizzjoni.

Pereżempju, bħala parti mill-pakkett, il-Kummissjoni tipproponi t-tisħiħ tal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Kwoti ta' Emissjonijiet fl-ambitu kurrenti tagħha, u l-emenda tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq. Dawn ir-riformi jissarrfu fi provvista aktar baxxa ta' kwoti u fi prezz tal-karbonju potenzjalment ogħla – għalkemm, is-suq, skont il-maġġoranza tal-analisti tas-suq, diġà qed jantiċipa bidliet leġiżlattivi futuri f'konformità maż-żieda fl-ambizzjoni klimatika tal-UE ta' tnaqqis nett ta' mill-anqas 55 % fl-emissjonijiet fl-2030 meta mqabbel mal-1990, kif minqux fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima proposta.

Barra minn hekk, bħala parti mill-pakkett Lesti għall-mira ta' 55 %, il-Kummissjoni ressqet proposta għall-istabbiliment ta' Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (jew CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism).

Bl-istess mod, għas-settur finanzjarju, l-Istrateġija għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli tressaq proposti biex jiġi inkorporat ir-riskju tas-sostenibbiltà fil-qafas tas-sistema finanzjarja.

87. Il-Kummissjoni tfakkar li l-FEIS huwa xprunat mid-domanda u jista' jappoġġa proġett finanzjarjament vijabbli bi profili ta' riskju ogħla. Ħafna proġetti ta' adattament għat-tibdil fil-klima ma humiex ekonomikament vijabbli, spiss isiru mill-awtoritajiet pubbliċi u għalhekk ma humiex adattati għal appoġġ ripagabbli. Għalhekk, l-osservazzjoni li l-biċċa l-kbira tal-proġetti sostenibbli huma relatati mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima hija f'konformità ma' dak li jista' jkun mistenni għal strument li jiffoka fuq proġetti finanzjarjament vijabbli u ta' riskju ogħla li għandhom l-għan li jimmobilizzaw il-finanzjament privat.

F'konformità mar-Regolament dwar InvestEU, it-trekkjar klimatiku u ambjentali tal-InvestEU għandu jsir permezz tas-sistema ta' trekkjar tal-Unjoni bl-użu xieraq tal-kriterji tat-Tassonomija tal-UE. L-abbozzi rilevanti tal-kriterji tat-Tassonomija tal-UE huma riflessi fis-sistema ta' trekkjar tal-Unjoni u barra minn hekk, is-sħab ta' implimentazzjoni jistgħu jittrekkjaw bis-sħiħ l-operazzjonijiet klimatiċi u ambjentali bl-użu ta' kriterji ta' kontribut sostanzjali tat-Tassonomija tal-UE (meta jiġu adottati). Din is-sistema tipprovdi flessibbiltà għal sħab ta' implimentazzjoni b'anqas esperjenza biex jużaw sistema ta' trekkjar tal-Unjoni aktar sempliċi u biex jallinjaw mat-Tassonomija tal-UE meta jkunu lesti. Il-gwida dwar it-trekkjar klimatiku u ambjentali tal-InvestEU tipprevedi r-rapportar *ex ante* tar-riżultati klimatiċi u ambjentali kif ukoll *ex post* abbażi tar-riżultati.

**Rakkomandazzjoni 3 – Rapportar dwar ir-riżultati relatati mal-klima u l-ambjent tal-InvestEU**

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

**Rakkomandazzjoni 4 – Il-ġenerazzjoni ta' sensiela ta' proġetti sostenibbli**

a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 4 a).

Iċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU se jkollu l-għan li jżid il-fokus tiegħu fuq proġetti li eventwalment jistgħu jiġu appoġġati mill-Fond InvestEU. Fejn ikun possibbli, u skont l-interess tal-promoturi tal-proġetti, se jiġu prijoritizzati l-oqsma u s-setturi li għandhom l-akbar ħtieġa għall-investiment klimatiku u ambjentali, inkluż l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-kapital naturali, l-effiċjenza enerġetika, l-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, il-BEI qed jiżviluppa b'mod attiv appoġġ konsultattiv ġdid kif ukoll appoġġ permezz ta' mandati eżistenti bħall-EIAH u l-JASPERS, kemm għall-klijenti pubbliċi kif ukoll għal dawk privati, kif deskritt fil-Pjan Direzzjonali tiegħu dwar il-Bank Klimatiku, billi jsir involviment mal-Istati Membri fejn l-appoġġ proattiv jista' jgħin fl-iżvilupp ta' sensiela akbar ta' investimenti fl-azzjoni klimatika u fis-sostenibbiltà ambjentali. Diversi linji ta' appoġġ konsultattiv għadhom għaddejjin jew qed jiġu żviluppati fl-2021, inklużi, iżda mhux limitati għall-Workshops dwar il-Finanzi tal-Enerġija tal-Istati Membri, b'enfasi fuq l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-Portal Ekoloġiku għall-banek intermedjarji, u l-Pjan ta' Adattament tal-BEI li jmiss għall-2021.

b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 4 b).

89. Formulazzjoni ta' universalità tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara" fl-oqsma ta' politika differenti tal-baġit tal-UE la hija meħtieġa u lanqas xierqa, meta jitqiesu ċ-ċikli ta' implimentazzjoni, il-modi ta' ġestjoni u l-attivitajiet differenti ffinanzjati. Dan ma jfissirx li ma hemm l-ebda salvagwardja kontra l-ħsara ambjentali fil-politiki tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tqis li l-PAK futura se tiżgura l-implimentazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" permezz ta' kundizzjonalità soċjali u msaħħa.

L-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH, "do no significant harm") skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tat-Tassonomija tal-UE hija obbligatorja fir-Regolament RRF. L-Istati Membri jridu juru għal kull riforma u investiment li l-prinċipju tad-DNSH huwa rrispettat għall-objettivi ambjentali inklużi kollha. L-ebda pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ma jiġi aċċettat jekk dan ma jintweriex. Il-Kummissjoni pprovdiet gwida għall-Istati Membri dwar kif tista' tintwera l-konformità mal-prinċipju tad-DNSH. Din il-gwida hija, fil-biċċa l-kbira, ibbażata fuq it-Tassonomija tal-UE iżda tagħti lok għal flessibbiltà. Dan jippermetti lill-Istati Membri pereżempju li juru konformità mal-prinċipju anke għal investimenti li ma jaqgħux taħt it-Tassonomija.

90. Il-baġit tal-UE jiffinanzja firxa ta' attivitajiet wiesgħa ħafna, permezz ta' ċikli u metodoloġiji differenti. Barra minn hekk, il-baġit tal-UE jiffinanzja attivitajiet, li ma humiex koperti mit-Tassonomija tal-UE, jew attivitajiet li, filwaqt li ma jissodisfawx il-kriterji tekniċi stretti tat-Tassonomija tal-UE, madankollu jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi tal-UE. Din hija r-raġuni għaliex l-UE tapplika l-metodoloġija tat-trekkjar tal-azzjoni klimatika tal-UE għall-QFP ta' bejn l-2021 u l-2027, li tqis il-kriterji tat-Tassonomija tal-UE, fejn possibbli u xieraq.

Il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-azzjoni klimatika qed tiġi stmata *ex ante* u se tiġi kkalkulata *ex post* abbażi ta' din il-metodoloġija pubblika u trasparenti, li sa issa ġiet stabbilita f'diversi atti legali. Din il-metodoloġija għandha l-għan li tqis l-attivitajiet kollha li jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi tal-UE. Is-sistema ta' ponderazzjoni użata tiġi infurmata mill-kriterji tekniċi tat-Tassonomija tal-UE, u allinjata sal-punt massimu possibbli magħhom. L-impenn li jiġi ddedikat l-ekwivalenti ta' mill-anqas 30 % tal-QFP ta' bejn l-2021 u l-2027 għall-objettivi klimatiċi huwa bbażat fuq din il-metodoloġija.

Xi investimenti taħt l-RRF ma humiex koperti mit-Tassonomija tal-UE. Oħrajn ma jissodisfawx il-kriterji kollha tat-Tassonomija tal-UE. Madankollu, iż-żewġ tipi ta' investimenti jistgħu

jikkontribwixxu għall-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-qafas tal-bonds ekoloġiċi tal-UE, diskuss ukoll fit-tweġiba tagħna għall-paragrafu 79, se jipprovdi lill-investituri bl-informazzjoni rilevanti kollha.

**Rakkomandazzjoni 5 – L-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-kriterji tat-Tassonomija tal-UE b'mod konsistenti fil-baġit tal-UE**

a) Il-Kummissjoni taċċetta parzjalment ir-rakkomandazzjoni 5 a).

Fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku tal-UE il-Kummissjoni impenjat ruħha għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara" bħala prinċipju li jirfed l-azzjonijiet tagħha, f'konformità mal-impenji tagħha tal-Ftehim ta' Pariġi.

Fil-prattika, dan ġie msarraf fl-impenn fil-Ftehim Interistituzzjonali li jakkumpanja l-QFP ta' bejn l-2021 u l-2027 biex jiġi applikat il-prinċipju "la tagħmilx ħsara" fit-tfassil tal-integrazzjoni tal-klima u l-bijodiversità.

Sabiex jiġi żgurat l-użu ta' dan il-prinċipju, il-baġit tal-UE jinkludi diversi salvagwardji li jaħdmu f'sinerġija mal-objettivi primarji tal-fondi individwali. Dan jissarraf, pereżempju, fil-verifika tas-sostenibbiltà għall-programmi li jinvestu fl-infrastrutturi, f'kundizzjonalità soċjali u msaħħa fil-PAK futura, jew f'listi ta' investimenti li ma jistgħux jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE.

Fejn rilevanti u applikabbli, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, dan il-prinċipju ġie inkluż fil-leġiżlazzjoni rilevanti, bħar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b'rabta diretta mat-Tassonomija tal-UE.

Il-Kummissjoni tqis li applikazzjoni uniformi tal-prinċipju tat-Tassonomija tal-UE "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fil-baġit kollu tal-UE la hija fattibbli u lanqas xierqa minħabba d-diversità tal-programmi ta' nfiq tal-UE, f'termini ta' ċikli, modi ta' ġestjoni, attivitajiet koperti u objettivi finali.

b) Il-Kummissjoni taċċetta parzjalment ir-rakkomandazzjoni 5 b).

Il-Kummissjoni se tirrifletti kif tinkludi referenza xierqa għall-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fil-proposta li jmiss għal Regolament Finanzjarju rivedut, filwaqt li tqis il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u n-natura differenzjata tal-baġit tal-Unjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax, f'dan l-istadju, tagħti impenji dwar il-kontenut preċiż tal-proposta leġiżlattiva futura.
Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li hija impenjata li timplimenta l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" fil-Ftehim Interistituzzjonali li jakkumpanja l-QFP ta' bejn l-2021 u l-2027, li japplika għall-programmi kollha tal-QFP. Il-Kummissjoni għandha fiduċja sħiħa fl-impenn tas-Sħab għal dan il-ftehim.

c) Il-Kummissjoni taċċetta parzjalment ir-Rakkomandazzjoni 5 c).

Kif spjegat l-aktar reċentement fil-"Komunikazzjoni dwar il-Qafas ta' Prestazzjoni tal-Baġit tal-UE" ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni saħħet il-metodoloġija tagħha tat-trekkjar tal-klima għall-QFP ta' bejn l-2021 u l-2027. B'mod partikolari, din implimentat titjib sostanzjali, billi għaddiet mill-"indikaturi ta' Rio tal-OECD" użati fil-QFP ta' bejn l-2014 u l-2020 għall-"Koeffiċjenti tal-UE għall-klima" użati fil-QFP ta' bejn l-2021 u l-2027. Dawn il-koeffiċjenti tal-UE għall-klima, li ġew stabbiliti f'diversi atti bażiċi, huma allinjati sal-massimu possibbli mal-kriterji tal-iskrinjar tekniku fl-ewwel att delegat tat-Tassonomija tal-UE.

Il-metodoloġija tat-trekkjar tal-Kummissjoni tiżgura wkoll li l-koeffiċjenti għall-klima jiġu attribwiti b'mod konsistenti fil-programmi kollha ta' nfiq tal-UE.

Il-mira tal-integrazzjoni klimatika ta' 30 % ġiet stabbilita fir-rigward ta' dawn il-koeffiċjenti u l-progress għal din il-mira jeħtieġ li jiġi stabbilit fuq din il-bażi. It-Tassonomija tal-UE ma hijiex finali u x'aktarx tevolvi fil-proċedura leġiżlattiva, u għalhekk l-użu tagħha biex titkejjel il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-isforzi klimatiċi tal-UE jagħmilha impossibbli li jkun hemm serje kronoloġika stabbilita.

Jenħtieġ li jiġi nnotat ukoll li l-informazzjoni dettaljata meħtieġa biex jiġu applikati bis-sħiħ ir-rekwiżiti tat-Tassonomija tal-UE la hija disponibbli, u lanqas ma huwa meħtieġ li tiġi pprovduta mill-Istati Membri jew mis-sħab ta' implimentazzjoni, għall-programmi ta' nfiq f'ġestjoni indiretta u kondiviża. L-informazzjoni ma hijiex kompluta wkoll għal xi programmi ta' nfiq ta' ġestjoni diretta.

d) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni 5 d).

Il-Kummissjoni se tuża l-metodoloġija tal-UE dwar il-klima sabiex tirrapporta dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-mira klimatika ta' 30 %. Din id-*data* se tkun ikkomplementata minn informazzjoni dwar l-ammont ta' nefqa li jaqa' taħt l-oqsma ta' intervent tal-metodoloġija tal-UE dwar il-klima li jirċievu koeffiċjent ta' 100 % minħabba li jissodisfaw il-kriterji tal-iskrinjar tekniku tat-Tassonomija tal-UE dwar il-mitigazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Dan ir-rapportar, bil-mod kif inhu ddisinjat, se jipprovdi stampa parzjali tal-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-objettivi klimatiċi tal-KE. Fil-każ ta' ġestjoni kondiviża, din se tkun ibbażata fuq *data* eżistenti kif irrapportat mill-Istati Membri.

91. Dan ir-rapport kien parti mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-Istrateġija li għadha kif ġiet adottata għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli.

L-Istrateġija li għadha kif ġiet adottata u l-pakkett leġiżlattiv propost jistabbilixxu l-passi li jmiss lejn l-ilħuq tal-għanijiet ambizzjużi tal-Kummissjoni.

B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiddivulgaw il-pjanijiet tagħhom stess għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u d-dekarbonizzazzjoni, inklużi miri intermedji u fit-tul u kif qed jippjanaw li jnaqqsu l-impronta ambjentali tagħhom. Din it-trasparenza akbar dwar il-miri, l-indikaturi, id-definizzjonijiet u l-metodoloġiji mbagħad se tkun kruċjali għall-monitoraġġ tal-effettività tal-azzjonijiet maż-żmien.

Soġġetta għall-adozzjoni mill-Kunsill u mill-Parlament, il-proposta tas-CSRD se tirrikjedi li kumpaniji kbar tal-UE u kumpaniji elenkati inklużi banek, assiguraturi u investituri jiddivulgaw il-miri ta' sostenibbiltà tagħhom u l-progress li sar lejn l-ilħuq tagħhom.

Barra minn hekk, u filwaqt li tibni fuq l-istandard tekniku regolatorju taħt l-SFDR, il-Kummissjoni se ssaħħaħ id-divulgazzjoni u l-effettività tal-azzjoni ta' dekarbonizzazzjoni mill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għall-prodotti ta' investiment kollha.

Barra minn hekk, l-Artikolu 20 tar-Regolament dwar it-Tassonomija jinkariga lill-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli biex timmonitorja u tirrapporta b'mod regolari lill-Kummissjoni dwar ix-xejriet fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri rigward il-flussi ta' kapital fl-investiment sostenibbli. Din il-ħidma diġà se tibda fl-2021.

**Rakkomandazzjoni 6 – Monitoraġġ u rapportar tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli u l-istrateġija futura**

a) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 6 a).

L-Artikolu 20 tar-Regolament dwar it-Tassonomija jinkariga lill-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli biex timmonitorja u tirrapporta regolarment lill-Kummissjoni dwar ix-xejriet fil-livell tal-

Unjoni u tal-Istati Membri rigward il-flussi ta' kapital fl-investiment sostenibbli. Din il-ħidma se tibda fl-2021.

Minn Ġunju 2021, indikatur li juri l-iżviluppi fis-swieq tal-bonds ekoloġiċi diġà ġie inkluż f'sett ta' għodod tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali li ġie mniedi reċentement u bħalissa għaddejjin diskussjonijiet dwar l-inklużjoni f'settijiet ta' indikaturi oħrajn.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tesplora azzjonijiet possibbli biex tgħin lill-Istati Membri jivvalutaw l-allinjament tas-settur finanzjarju tagħhom mal-miri ta' sostenibbiltà;

L-awtoritajiet Superviżorji Ewropej u l-Bank Ċentrali Ewropew, fl-oqsma rispettivi tagħhom, isegwu l-aktar żviluppi tas-suq riċenti fl-investiment sostenibbli.

b) Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 6 b).

Il-Kummissjoni se tkompli tieħu rendikont regolari tal-progress u tirrieżamina l-azzjonijiet tagħha. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija sa tmiem l-2023 u se tappoġġa b'mod attiv lill-Istati Membri fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom.